MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Numru 4011/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara,**
**Spettur Dennis Theuma)**

**v.**

**Joseph Lebrun**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali, minnu presentat fis-27 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tiddikjara li fit-23 ta’ Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Joseph Lebrun jitqieghed taht att ta’ akkuza, u konsegwentement tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment kontra l-istess Joseph Lebrun;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-istess gurnata li permezz tieghu ordnat li r-rikors jigi notifikat lil Joseph Lebrun u ffissat l-udjenza ghat-Tnejn 30 ta’ April 2007;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn 30 ta' April 2007;

Ikkunsidrat:

Ir-rikors ta' l-Avukat Generali qed isir a bazi tad-disposizzjonijiet transitorji kontenuti fl-Artikolu 5 tal-Att VI tal-2007, li gie fis-sehh proprju fis-27 ta' April 2007. Il-kumpilazzjoni f'dan il-kaz bdiet fis-6 ta' Settembru 2005. B'digriet moghti skond l-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali fit-23 ta' Novembru 2005, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja iddecidiet li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Joseph Lrbrun jitqieghed taht att ta' akkuza u ordnat il-liberazzjoni tieghu a tenur tal-imsemmi subartikolu (2) tal-Artikolu 401. Din il-Qorti giet issa msejjha, in vista tal-emendi introdotti bl-Att imsemmi (emendi effetwati fil-Kodici Kriminali wara is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Frar 2007 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara u Spettur Dennis Theuma v. Joseph Lebrun***) biex tiddeciedi jekk fid-data imsemmija – 23 ta' Novembru 2005 – kienx hemm effettivament ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lenrun jitqieghed taht att ta' akkuza skond dak li jipprovdi l-imsemmi Artkolu 401(2) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba sa l-imsemmija data, hija tal-fehma li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza. Dawn il-provi, fl-istragrandi maggoranza taghhom indizzjarji, meta mehuda fl-assjem taghhom, huma bizzejjed biex jindikaw probabbilta` ta' htija fir-rigward ta' xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-intimat Lebrun fir-rapport tal-pulizija (fol. 1) imwettaq bil-gurament (fol. 7). Huwa dan u dan biss li hu mehtieg li jigi determinat f'dana l-istadju tal-Artikolu 401(2).

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali u ghalhekk tiddikjara li fit-23 ta' Novembru 2005 kien hemm ragunijiet bizzejjed biex Joseph Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza, u tordna l-kontinwazzjoni tal-procediment

kontra l-istess imputat, intimat f'dawn il-proceduri. Tordna wkoll li kopja ta' dan id-digriet jigi minnufih notifikat lill-Avukat Generali u lil Joseph Lebrun, u kopja tieghu inserita mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, fl-attijiet tal-Istruttorja fl-ismijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------